MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 139/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Sammut)
Vs

Mary Grace Attard

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Gunju, 2003 ghall-habta tas-7.00 pm/7.30 pm, waqt li kienet fi Triq il-Qrempuc, San Gwann, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' George Joseph Cassar, wegghetu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Lulju, 2003 li biha, wara li rat l-Artikolu 252 (1) tal-Kap. 9, sabet lill-imputata hatja w

ikkundannatha ghal multa ta’ LM250 (mitejn u hamsin lira Maltin).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-14 ta’ Lulju, 2003, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi minnflok l-esponenti tigi ddikjarata mhux hatja w kwindi lliberata skond il-ligi, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, giet mitluba r-riforma tas-sentenza ghal dak li jirrigward l-piena billi tigi mposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor , jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- 1. illi l-fatti kif rizultanti fil-proceduri ma jwasslux sal-prova skond il-ligi tal-htija tal-appellanti u l-agir tal-appellanti ossia l-provi kif rizultanti jistghu jitqiesu biss bhala prova *prima facie* cirkostanzjali , izda li mhix ta’ valur probatorju bhala tali peress li tista’ tiehdok f’zewg direzzjonijiet opposti ; 2. illi x-xiehda ta’ George Joseph Cassar u l-habiba ta’ Giancarlo Ragnolo hi inammissibbli bhala “hearsay evidence” u x’seta’ haseb Giancarlo Ragnolo mhux fatt ta’ valur probatorju ; 3. Illi in pessima ipotesi , l-agir tal-appellanti seta’ kien kolpit bid-dispost tal-artikolu 252 (2) u mhux 252 (1) tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk hi kellha tigi dikjarata mhux hatja tal-imputazzjoni kif dedotta skond l-artikolu 252 (1) ; 4. illi kellu jigi rifless fil-piena il-hsieb anki jekk remot tal-appellanti li l-minuri kellha tigi protetta minn sitwazzjoni potenzjali mhux xierqa . Ghalhekk il-piena kienet wahda eccessiva.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet ix-xhieda kollha mill-gdid ;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti, L-imputata hi separata minn zewgha George Joseph Cassar , pero’ dawn it-tnejn jghixu f’ambjenti differenti tal-istess

dar. Zewg l-appellanti kien ha l-abitudini li jdahhal tifla ta' hdax il-sena, girien tieghu w jhalliha tilghab mal-annimali li ghandu w darba anki halliha tara xi video gol-parti tad-dar okkupata minnu . Dak in-nhar meta giet ommha ghaliha , hu sema lit-tifla tghid lill-ommha li trid tghidilha xi haga izda mhux quddiemu . Wara sar jaf li martu , l-appellanti ,kienet qalet lit-tifla li seta' jigri xi haga u t-tifla bdiet tistaqsi lill-ommha x'seta' jigri . Meta hu kellem lill-appellanti w staqsiha ghallfejn kienet qalet dak id-diskors lil tifla innocenti , din wegbitu : "isma ghax mhux sewwa inti ragel anzjan ikollok din it-tifla mieghek …" Darba ohra hu kien gie mitlub mit-tifla biex jghinha fil-qari tal-Malti w tal-Ingliz u hu hekk ghamel sakemm giet omm it-tifla ghaliha. Waqt li qed ikellem lill-omm it-tifla fuq il-gnien u fuq il-pjanti, Cassar sema' hoss kbir u nduna li l-appellanti kienet tefghet il-kotba li kienet qed taqra' minnhom it-tifla fid-"drive in" . Meta staqsieha ghalfejn ghamlet hekk , l-appellanti wegbitu li dik kienet qed tisfidaha meta tidhol go darha w telghet fuq u bdiet tghajjat ghajjat : "I don't want your daughter here.This is my house ." lill-omm it-tifla w hargu n-nies biex jaraw x'gara. Wara sar jaf li l-appellanti kienet ukoll kellmet lill-habib t'omm it-tifla, Giancarlo Ragnolo u qaltu kliem : "isma thallix hemm lil dik it-tifla , dan , ifihimni ma nistax jitkellem, thallihiex hemm." Dad-diskors kien irreferihulu l-istess Ragnolo fuq it-telefon. Cassar spjega li hu kien qed joggezzjona ghall-kliem li l-appellanti qalet lit-Taljan Ragnolo f'din it-tieni okkazzjoni ossia ta' meta martu tefghet il-kotba barra. Hu kien mar bil-kwerela li kien ghamillu l-avukat tieghu w li kienet f'envelope personalment ghand l-Ispettur .

Giancarlo Ragnolo li xehed bil-lingwa Taljana qal li waqt li hu kien fil-gallarija, harget l-appellanti mill-villa taghha w resqet lejh u bdiet tkellmu w qaltu l-kliem : *"Non voglio che la bambina sta piu' la dentro in casa."* Meta hu staqsiha "Perche?", l-appellanti wegbitu : ""un vecchio con una bambina.." u waqfet hemm . Meta hu staqsaiha : "Perche? Ma cosa vuoi insinuare? Che significa questo? Perche' , cosa c'e'?" l-appellanti wiegbet : "*Non posso parlare, non non posso parlare*." Meta Ragnolo rega qalilha : "Perche? Cos' e' un maniaco ?" ,reghet qaltlu : "*Non posso parlare*." u ghamlet sinjal . Lilu dahhlitlu d-dubju li Cassar kien perikoluz jew xi manijaku pedofilu .

Minn dawn il-fatti , mhux kontestati , ghax l-appellanti ma xehditx, jidher li ghalkemm l-appellanti ma qalitx espressament xi haga kontra zewgha George Joseph Cassar , b'certi espressjonijiet u gesti u element ta' **"innuendo**" , tat x'tifhem li zewgha ma kellux jigi fdat ma tifla ta' hdax il-sena w wiehed ma jridx ihabbel rasu wisq biex jindovna x'kienet qed tinsinwa b'dan il-kliem u b'dan l-agir .

Issa kif jghid i**l-GATLEY** - "On Libel and Slander" (7th. Edit. Sweet & Maxwell; p. 58 ) :-

"The expressions or gestures accompanying words may give them a meaning which is not their natural or ordinary meaning ….In slander , "gesture, tone of voice , expression of countenance , all of which are absent in libel , may materially affect the meaning of the spoken words." U "Accent , emphasis, intonation , gesture , all may have an influence in determining the meaning." **("Halls vs. Mitchell"** (1926) 59 Ontario L.R. p.603). "for innuendos may be necessary where…there are accompanying gestures which may in the words of Dean Swift 'convey a libel in a frown , and wink a reputation down."
(ara ukoll "**Rosina Vella vs. Salvatore Bartolo**" [App. Krim. 12.6.1937 per Harding J.] fejn gie ritenut li l-ingurja tista' tkun kemm "dictum vel factum in alterius contemptum prolatum" )

Issa anki jekk l-appellanti kellha xi dritt civili li toggezzjona li god-dar tal-komunjoni jidhlu barranin ikunu min ikunu – haga li mhux mertu ta' dan l-appell, hi zgur li ma kellha ebda dritt li biex tassikura li dan ma jibqax isir , titfa' aspersjonijiet vagi kontra zewgha b' mod li tinsinwa li dan ma kellux jigi affdat mat-tfal zghar wahdu meta kullhadd jaf u jista' jissoponi dan x'jista' jfisser . Bil-mod umbaghad li l-appellanti mistoqsija ghala ma riedetx li zewgha ikun ma dit-tifla , qalet "*Non posso parlara. Non posso parlare*." kompliet tati x'tifhem li kienet taf xi haga fuq zewgha li ma setghetx tizvelha. U hawn kompliet tikber l-insinwazzjoni w l-effetti taghha. Kieku l-appellanti ma riedetx tingurja w

timmalafama lil zewgha , meta giet mistoqsija minn Ragnolo ghala kienet qed tghid hekk u jekk allura zewgha kienx xi manijaku pedofilu , jmissha mall-ewwel qalet li ma riedetx tghid hekk u li semplicement kienet qed titkellem fuq dak li skondha kien xieraq b'mod generali . Minnflok ghazlet li tkompli thawwar l-insinwazzjoni billi tinheba' wara velu ta' silenzju misterjuz.

Illi lanqas ma jidher li dan kien kaz fejn il-“mens rea” jew l-“animus iniuriandi” jigi sostitwit bl-**“animus consulendi**”, ghaliex kif gie ritenut fl-Appell Kriminali “**Maria Zammit vs. Guzeppi Muscat**” [13.1.1940]
id-diskors u gest li saru fil-prezenza ta' Ragnolo saru fil-kuntest ta' xenata li l-appellanti kien ghadu kif kellha ftit qabel ma' zewgha ghax ma rieditux idahhal lit-tifla go darha w fil-kors ta' liema anki kienet tefghet il-kotba li fuqhom kienet qed taqra' t-tifla barra w dan kien juri l-veru animu w spirtu li bih ghamlet dak li ghamlet . Inoltre l-kliem “*Non posso parlare. Non posso parlare*” w l-gest akkompanjanti ma kienx mehtieg jekk kull ma riedet taghmel kien li taghti avvertiment b'mod generali dettat mill-prudenza.

Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li dak li qalet u s-sinjal li ghamlet l-appellanti kien decizament ingurjuz fil-konfront ta' zewgha George Joseph Cassar u punibbli kriminalment.

Illi l-aggravju tal-appellanti li id-depozizzjoni ta' George Joseph Cassar u ta' Mrs. Selvaggi hija inammissibbli bhala “hearsay evidence” huwa biss fondat in kwantu jirriferi ghad-diskors li l-appellanti allegatament qalet lil Giancarlo Ragnolo u li kien semghu hu biss u wara irriferieh lil dawn iz-zewg xhieda. Pero' mhux fondat in kwantu jirriferi ghall-kumplament tad-depozizzjoni taghhom li tirrigwarda ir-retroxena tal-incident u kif dan seta' jirrifletti fuq il-motivazzjoni u l-intenzjoniu tal-appellanti.

L-aggravju li x' seta' haseb Giancarlo Ragnolo mhux fatt ta' valur probatorju huwa infondat ghax fil-kaz t'insinwazzjonijiet hu rilevantissimu li wiehed jistabilixxi

x'fehmet il-persuna li quddiemha jew maghha saret l-ingurja. Kif jghid il-**GATLEY** (op. cit. p.500 para. 1225) :-

"…in an action for slander , not by direct words , but by expressions, gestures , or intonations of the voice , evidence is admissible of what those who heard the expressions, or saw the gestures, understood their meaning to be drawn." (**Leonard vs. Allen** (1853)Mass. R. 241 u **Blakeman vs Blakeman** (1884) 31 Minn. R. 396)

Mill-banda l-ohra pero' it-tielet aggravju tal-appellanti jidher li hu - al menu in parti - fondat . Di fatti l-artikolu 252 (2) tal-Kap.9 jiddisponi li "*Jekk l-ingurja ssir bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat , inkella bi kliem jew eghmil li jkun biss mhux xieraq , il-hati jehel il-piena ghall-kontravvenzjonijiet .*"

Issa dan hu l-kaz klassiku fejn l-ingurja li saret , saret proprju bi kliem mhux imfisser car u ghalhekk l-appellanti ma kellhiex tinstab hatja tar-reat kontemplat bis-subinciz (1) tal-artikolu 252 li jikkontempla l-ingurja hekk imsejjha popolarment u fic-cerkji legali bhala "**gravi**", izda ta' ingurja "**semplici**" kif kontemplat fis-sub-inciz (2) , liema reat hu **kompriz u involut** f' dak li jaqa' taht is-subinciz (1) . Ghalhekk dan l-aggravju hu biss in parti gustifikat ghaliex ma ghandux iwassal biex l-appellanti tigi liberata kif issottometttiet fir-rikors tal-appell imma jwassal biex tinstab hatja tar-reat minuri kompriz w involut u allura dan igib li r-raba' aggravju dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hu ukoll gustifikat u l-piena trid tkun dik kontemplata ghall-kontravvenzjonijiet li skond l-artikolu 7 (2) tal-Kap. 9 tista' tkun biss id-detenzjoni, l-ammenda w c-canfira w twiddiba. (ara. **Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Josianne Bonello**" [16.1.2003.]

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell , tirrevoka s-sentenza appellata w minnflok issib lill-appellanti hatja tar-reat kompriz u involut li ingurjat lil George Joseph Cassar bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat bi ksur tal-artikolu 252 (2) tal-Kap.

9 tal-Ligijiet ta’ Malta w tikkunndannaha ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25) ammenda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------